- ***PARERNITA' –***
- ***ARTIKOLU 77 TAL-KAP 16 –***
- ***TESTIJIET XJENTIFICI; D N A TESTINTG –***
- ***ARTIKOLU 70 (1) (d) U (2) TAL-KAP 16 -***

# IL-PRIM' AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. RAYMOND C. PACE LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 30 t'April 2002**

**Kawza Numru: 39**
**Citazzjoni Numru: 1260/00/RCP**

**Mary Jacqueline Fenech separata minn Victor Fenech f'isimha proprju u kif ukoll bhala kuratrici *ad litem* tat-tifel Ryan Fenech**

**vs**

**(1) L-istess Victor Fenech**

**(2) Anthony Camilleri I.D. Card No. 650141 (M) bin il-mejtin Philip u Carmela nee` Gatt;**

**u**

**(3) Direttur tar-Registru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

**I. PRELIMINARI.**

Rat ic-citazzjoni attrici a fol. 1 fejn gie premess:-

Illi l-attrici hija mizzewga l-konvenut Victor Fenech pero' llum tinsab minnu separata legalment permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Anne Attard tal-14 ta' Ottubru, 1994;

Illi matul iz-zwieg mal-konvenut Victor Fenech, l-attrici kellha relazzjoni mal-konvenut l-iehor Anthony Camilleri, li llum *di fatti* qeghdha tghix u tikkoabita mieghu;

Illi mill-imsemmija relazzjoni mal-konvenut Anthony Camilleri l-attrici kellha t-tarbija Ryan Tudor Joseph Fenech li twieldet fit-12 ta' Gunju 1989 u dan kif jirrizulta mill-anness certifikat tat-twelid li jgib in-numru progressiv 2618 tal-1989 (ara dokument "A".);

Illi allura jehtieg li jigi dikjarat li l-imsemmi tifel, li llum ghandu hdax-il sena, huwa l-wild naturali tal-konvenut Anthony Camilleri u mhux Victor Fenech;

Illi ghalhekk jehtieg li jigi korrett l-imsemmi certifikat tat-twelid kif mizmuma mill-konvenut l-iehor Direttur tar-Registru Pubbliku;

L-istess attrici talbet li ghalhekk il-konvenuti jew min minnhom jghidu ghaliex din l-Qnorabbli Qorti ma ghandhiex ghar-ragunijiet fuq imsemmija prevja kull dikjarazzjoni opportuna:-

(1) Tiddikjara li t-tifel Ryan Camilleri huwa l-wild naturali u biologiku tal-konvenut Anthony Camilleri u mhux tal-konvenut l-iehor Victor Fenech;

(2) Tordna lill-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex fic-certifikat tat-twelid ta' Ryan Camilleri bin-numru progressiv 2618 ta' l-1989, kull referenza li hemm ghal Victor Fenech u senjatament ghal ismu, sengha u professjoni u isem u kunjom il-missier u jekk hux haj jew mejjet tigi kkancellata u sorpressa u minflok jigu sostitwiti b'isem Anthony Camilleri kif jidher fl-okkju tal-kawza u d-dettalji l-ohra necessarji skond il-formula tal-imsemmi certifikat.

Bl-ispejjez u bil-konvenuti minn issa ngunti ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol 3 tal-process;

Rat il-lista ta' xhieda u d-dokumenti esebiti a fol 4 sa 5 tal-process;

Rat ir-rikors tal-attrici tad-19 ta' Gunju 2000, id-digrieti tal-Qorti tal-4 ta' Awissu 2000 u tal-20 ta' Marzu 2001 fejn laqghet it-talba tal-attrici u appuntatha bhala kuratrici *ad litem* tal-minuri.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tad-Direttur tar-Registru Pubbliku tat-13 ta' Marzu 2001 (fol. 10) fejn gie eccepit:

1. Illi dwar il-mertu tac-citazzjoni odjerna huwa mhuwiex edott mill-fatti kif allegati mill-attrici.

2. Illi bla pregudizzju ghas-suespost, ghas-success tal-azzjoni odjerna tinhtieg il-prova tal-impossibilita fizika ta' koabitazzjoni bejn il-konjugi Mary Jacqueline Fenech u Victor Fenech fil-perjodu tal-probabbli koncepiment tat-tarbija.

3. Illi wkoll bla pregudizzju, ghandu qabel xejn isir id-debitu avviz fil-Gazzetta tal-Gvern *ai termini* tal-Artikolu 254 tal-Kap 16;

4. Illi inoltre u bla pregudizzju, f'kaz li jintlaqghu it-talbiet attrici, ghandhom jigu ndikati d-dettalji personali tal-konvenut Anthony Camilleri li l-attrici qed titlob li jigu nseriti fl-att tat-twelid numru 2618/1989, kif ukoll ghandhom jigu kancellati l-kliem *"the said"* mill-kolonna li tirreferi ghal partikolaritajiet tal-omm;

5. Illi fi kwalunkwe kaz, ic-cirkostanzi li taw lok ghall-kawza odjerna huma ghal kollox estranei ghal konvenut li allura m'ghandux jigi soggett ghall-ispejjez tal-istanti;

6. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda tad-Direttur tar-Registru Pubbliku a fol 11 tal-process.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet ta' Victor Fenech tal-21 ta' Mejju 2001 fejn gie eccepit:

1. Illi l-esponent fil-waqt li jiehu konjizzjoni tal-premessi attrici, jirremetti ruhu ghal kull decizjoni li din l-Onorabbli Qorti joghogobha tiehu fil-konfront tieghu. L-esponent minn issa jiddikjara li huwa dispost li jikkolabora f'kull ezami mediku jew genetiku li din l-Onorabbli Qorti joghogobha timponi;

2. Illi l-esponent jirrileva li m'ghandux jehel ebda spejjez tal-kawza;

3. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut Victor Fenech a fol 18 tal-process.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet ta' Anthony Camilleri tat-22 ta' Mejju 2001 fejn gie eccepit:

1. Illi kwantu ghall-ewwel talba attrici, filwaqt li huwa jaqbel u jiddikjara illi t-tifel Ryan Tudor Joseph Fenech li twieled fit-12 ta' Gunju 1989 mill-attrici (certifikat tat-twelid numru 2618 tal-1989) huwa l-wild naturali u biologiku tieghu u mhux tal-konvenut l-iehor Victor Fenech, isostni illi huwa m'ghandu jbati ebda spejjez ta' din il-kawza stante li huwa qatt ma cahad jew heba tali paternita', izda ghal kuntrarju dejjem ammetta li Ryan Fenech huwa l-wild naturali u biologiku tieghu minn ma l-attrici.

2. Illi kwantu ghat-tieni talba filwaqt li jaqbel li ghandha ssir il-korrezzjoni kif mitluba fl-istess talba huwa jsostni illi anke hawn m'ghandu jsofri ebda spejjez stante li hu ma jahti xejn.

3. Salvi, jekk ikun il-kaz, eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut u l-lista tax-xhieda tal-konvenut Anthony Camilleri a fol 21 tal-process.

Rat il-verbal tal-14 ta' Gunju 2001 fejn irrizulta li Victor Fenech mhux notifikat bl-avviz tas-smiegh u infatti ma deherx li hu ghamel l-eccezzjonijiet tieghu. Il-Qorti ghalhekk innominat lill-Assistent Gudizzjarju Dr Greta Agius biex tigbor il-provi. Il-kawza giet differita ghall-20 ta' Novembru 2001.

Rat l-estratt mill-Gazzetta tal-Gvern tat-22 ta' Gunju 2001.

Rat in-nota tal-konvenut tas-16 ta' Novembru 2001 fejn gie esebit affidavit a fol 26 sa 29 tal-process.

Rat il-verbal tal-20 ta' Novembru 2001, tat-28 ta' Dicembru 2001, tal-24 ta' Jannar 2002.

Rat ir-rikors ta' l-attrici tat-22 ta' Gunju 2001, ir-risposta tal-konvenut u d-digriet tal-Qorti tat-28 ta' Jannar 2002 fejn laqghet it-talba u nnominat lil Dr Christopher Farrugia bhala espert mediku, sabiex jaghmel id-*DNA test* indikat fuq Ryan Farrugia a spejjez provizorjament ghall-atturi.

Rat ir-rikors ta' Anthony Camilleri tad-29 ta' Novembru 2001 u d-digriet tal-Qorti tal-1 ta' Frar 2002 fejn astjeniet milli tiehu konjizzjoni tar-rikors stante li l-kawza tinsab diferita ghat-13 ta' Marzu 2002 u n-nomina tal-espert mediku saret b'digriet tat-28 ta' Jannar 2002.

Rat il-verbal tat-13 ta' Marzu 2002 fejn din il-kawza bdiet tigi mismuha minn din il-Qorti kif prezentament ippresjeduta, u fejn Christopher Farrugia bhala Perit Xjentifiku halef ir-rapport. Id-difensuri prezenti rrimettew ruhhom ghar-rapport u l-kawza giet differita ghall-provi tal-partijiet jekk ikun il-kaz u trattazzjoni finali ghad-9 ta' April 2002.

Rat ir-rapport tal-Perit Xjentifiku a fol 42 sa 49 tal-process.

Rat in-nota tal-attrici tad-9 t'April 2002 fejn gie prezentat l-affidavit taghha stess.

Rat il-verbal tad-9 t'April 2002 fejn Dr Ilona Blackman ghall-konvenut prezenti talbet li l-kawza tibqa' ghas-sentenza. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghat-30 t'April 2002.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET

Illi l-attrici qed titlob lil din il-Qorti sabiex tiddikjara li binha Ryan Camilleri huwa l-wild naturali u biologiku tal-konvenut Anthony Camilleri u mhux tal-konvenut l-iehor Victor Fenech u li, konsegwentement tordna li fic-certfikat tat-Twelid tieghu, li jgib in-numru 2618/1989, l-paternita' tieghu tigi rikonoxxuta.

Illi jidher car li l-attrici qed tipprevalixxi ruhha mill-**Artikolu 77 tal-Kap 16** li jghid testwalment li:-

*"Il-legittima' ta' tifel imwieled matul iz-zwieg tista' tigi attakkata wkoll minn kull min ikollu interess, jekk jipprova illi, fiz-zmien bejn it-tliet mitt gurnata u l-mija u tmenin gurnata qabel it-twelid tat-tifel, ir-ragel kien fl-impossibilita'*

*fizika li jghammar ma' martu minhabba li kien il-boghod minnha".*

Illi ma hemm l-ebda dubju li jekk l-attrici qed tippretendi li huwa l-konvenut Anthony Camilleri li verament huwa l-missier tal-minuri hija ghandha nteress li taghmel din il-kawza, pero' qabel ma tigi trattata l-istess, trid tigi sorvolata d-dispozizzjoni tal-**Artikolu 81 tal-Kap 16** li tipprovdi li:-

*(1) "Hadd ma jista' jitlob stat kuntrarju ghal dak li jaghtuh l-att tat-twelid bhala iben legittimu u l-pussess ta' stat li jaqbel ma' dak l-att.*

*(2) Hekk ukoll, hadd ma jista' jattakka l-istat tal-iben legittimu ta' tifel li jkollu l-pussess ta' stat li jaqbel ma l-att tat-twelid tieghu".*

Illi huwa car li l-hsieb tal-ligi huwa dak li jipprotegi l-istat ta' legittima tal-persuna, la darba din twieldet fiz-zwieg, u la darba l-istat tal-istess minuri huwa konformi mal-istess diskrezzjoni wkoll hajja tieghu, hekk mizmum fir-rejalta' socjali bhala iben l-istess konjugi. Illi fil-fatt fil-kawza fl-ismijiet **"Pierre Travers Tauss vs Direttur tar-Registru Pubbliku et"** (P.A. F.G. C. 10 ta' Mejju 1996 inghad li:-

*"Dak li jissejjah ir-'raison d'etre' ta' din id-disposizzjoni tal-ligi nostrali jinsab enkapsulat fil-kumment tal-awtur Ricci meta huwa jikkomenta dwar disposizzjoni analoga tal-Kodici Taljan … …." "Egli ha osservato esistere nell'ordine*

*stesso delle cose una presunzione che sta per la inviolabilita' dal talamo a per il rispetto della fedelta' coniugale, la quale presunzione viene avvolorata dalla vita comune degli sposi e fa riguardare il marito come il padre dei concepiti da sua moglie durante il matrimonio. I giuconsulti romano intesero questa presunzione e l incarnazione della formula solenne 'pater is est quem justae nuptiae demonstrat'. A questo principio, che non e' tanto un dettato dell' antica sapienza, quanto un postulato della stessa ragione, confortato dall' esperienza di molti secoli, si e' attentuato il legistatore patrio, e percio' nell' articolo 159, che il marito e' padre del figlio concepito durante il matrimonio" -* (**Diritto Civili.** Vol. 1 para 49 pag. 76).

Illi in effetti l-**Artikolu 67 tal-Kap 16,** (li jikkorrispondi mal-artikolu 159 tal-Kodici Taljan) jipprovdi li:

*"L-iben imnissel matul iz-zwieg jitqies li hu bin zewg ommu".*

Illi fil-fatt din l-azzjoni ittentata mill-attrici hija wahda minn tliet azzjonijiet permessibbli fil-ligi taghna sabiex tigi attakata l-legittimita' ta' l-ulied u cioe':

(a) L-azzjoni ta' diskonoxximent jew ta' *denegata paternita'* a bazi tal-**Artikolu 70 tal-Kap 16** li hija miftuha ghar-ragel li fic-certifikat tat-twelid huwa indikat bhala missier it-tifel imwieled fiz-zwieg, u dan fil-kazijiet indikati

tassativament fis-**Subartikolu (1) (a) sa (d),** liema azzjoni tattakka l-presunzjoni *"pater est quae iustiae demonstrat",* u twassal biss mhux biex jigi determinat il-missier tat-tarbija imma biss ghad-dikjarazzjoni li r-ragel ta' l-omm ma huwiex il-missier, liema azzjoni ghandha tigi prezentata fit-termini stretti moghtija fl-**Artikolu 73 tal-Kap 16.**

(b) It-tieni azzjoni hija dik moghtija biss lit-tifel *ai termini* tal-**Artikolu 84** sabiex jitlob l-istat ta' iben legittimu u ghaliha japplikaw ir-regoli stabiliti fl-**Artikoli 82 sa 85 tal-Kap 16.**

Illi a propozitu ta' din l-azzjoni inghad fil-kawza **"Antonio Scerri Gauci vs Dottor Giovanni Scicluna nomine et"** (A.C. 14 ta' Jannar 1952 li:-

*"Illi din l-ahhar azzjoni tat-tfittxija ta' paternita' hija moghtija biss lit-tifel u hija estiza lill-werrieta jew dixxendenti tieghu fil-kaz biss previst mill-ligi.*

*"It-Tifel ghandu d-dritt li jitlob stat kuntrarju ghal dak li jaghtih l-att tat-twelid meta ma jkollux pussess ta' stat konformi ma' l-att tat-twelid, u ebda limitazzjoni ohra ma timponilu l-ligi ghall-ezercizzju ta' dik l-azzjoni. Ghaldaqstant lilu ma tolqtux il-limitazzjoni li tolqot lil persuni ohra interessati, konsistenti f'illi huma jkollhom jippruvaw l-impossibilita' fizika ta' koabitazzjoni tal-presenti ġenituri tat-tifel fi zmien rilevanti minhabba lontananza".*

*"Meta t-tifel ma hux ostakolat fl-ezercizzju ta' l-azzjoni ta' ricerka tal-paternita' tieghu bil-fatt li dik l-impossibilita' fizika ma tirrizultax; l-unika limitazzjoni li tolqtu hija dik illi tolqtu meta huwa jkun jippossjedi stat konformi mal-att tat-twelid tieghu"*

Illi f'kaz maghmul a bazi ta' din l-azzjoni fis-sentenza **"Walter Ahar nomine vs Pio Micallef"** (P.A. A. J. M. 21 ta' Frar 1996) inghad illi *"minn dan it-taghlim jidher li l-fatt li r-ragel ta' omm it-tarbija kien prezenti Malta u kellu il-possibilita' li jkollu relazzjoni ma' martu, ma ghandu jkun ta' ebda xkiel fl-indagini li ghandha ssir sabiex tigi stabbilita l-identita' tal-missier naturali tal-istess attur".*

(c) It-tielet azzjoni hija dik kontemplata fl-**Artikoli 76 u 77 tal-Kap 16** fejn ghal dak li huwa relevanti ghal dik il-kawza fl-**Artikolu 77** jinghad li:-

*"Il-legittimita' ta' tifel imwieled matul iz-zwieg tista' tigi attakkata minn kull min ghandu interess, jekk jipprova illi, fiz-zmien bejn it-tliet mitt gurnata u l-mija u tmenin gurnata qabel it-twelid tat-tifel, ir-ragel kien f'impossibilita' li jghammar ma' martu minhabba li kien il-boghod minnha".*

Illi din l-ahhar azzjoni imsemmija ta' impunjazzjoni ta' legittimita' hija miftuha ghal kull terz, inkluz lill-omm u lill-istess tifel peress li hija disponibbli ghal min ghandu interess, inkluz il-persuna li tallega li hija missier it-tifel.

Illi minn dan kollu jirrizulta li l-ligi taghti l-opportunita' lill-diversi persuni fil-parametri hemm indikati, u biss bl-azzjonijiet fuq indikati sabiex tigi denagata l-paternita' jew anke kontestata l-legittimita`.

Illi pero' fl-opinjoni ta' din il-Qorti l-azzjoni a bazi tal-**Artikolu 77** hija subordinata ghal dak li hemm provdut fl-**Artikolu 81** li jipprovdi li l-istat ta' iben legittimu ma jista jigi attakkat minn hadd, lanqas mill-iben innifsu jekk il-minuri jkun akkwista l-istatus ta' iben legittimu mill-att tat-twelid u l-pussess tal-istess stat li jaqbel ma' tali att.

Illi fi kliem iehor l-azzjoni ittentata skond **l-Artikolu 77** sabiex tirnexxi trid issir fl-ewwel lok a bazi ta' iben jew bint li skond l-att ta' twelid ma jkunx ikkunsidrat bhala legittimu, jew ghalkemm l-istess att ta' twelid jikkunsidrah legittimu, huwa ma jkunx jippossedi l-istess stat ta' legittimu.

Illi l-pussess ta' l-istat ta' iben legittimu skond **l-Artikolu 80** *"stabbilit minn gabra ta' fatti, mehudin flimkien, li jiswew biex juru r-rabta ta' filjazzjoni u ta' demm bejn it-tifel u l-familja li hu jghid li hi l-familja tieghu.*

*L-ewlenin fost dawn il-fatti huma:-*

*(a) Illi t-tifel ikun gieb dejjem il-kunjom tal-missier li tieghu jghid li huwa l-iben;*

*(b) Illi l-missier ikun trattah bhala ibnu, u, f'dik il-kwalita' haseb ghall-manteniment u edukazzjoni tieghu, u sabiex jikkollokah*;

*(c) Illi t-tifel gie dejjem maghruf bhala tali min-nies;*

*(d) Illi huwa ikun maghruf bhala tali mill-familja".*

Illi dan ifisser skond is-sentenza **"Malika Cachia Ejjebili et vs Ahmed Kamel El Din et"** (PA.RCP 26 ta' Jannar 2000) li skond il-provvedimenti tal-**Artikolu 82 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta,** huwa biss jekk ikun hemm *"nuqqas ta' att ta' twelid* ***jew*** *tal-pussess ta' stat* (u dan skond kif definit fl-**Artikolu 80 tal-Kap 16**) *inkella jekk it-tifel ikun gie registrat taht isem falz, … … … li l-prova tal-filjazzjoni tista' ssir b'xhieda ohra li tista' tingieb skond il-ligi".*

Illi mis-sentenzi fuq citati din hija l-unika konkluzjoni logika li tista' tinghata meta jigu mqabbla l-**Artikoli 81** mal-**Artikolu 77,** stante li jidher li fl-opinjoni ta' din il-Qorti, l-kundizzjoni kontenuta fl-**Artikolu 77** dwar l-impossibilita' fizika, hija wkoll kondizzjoni ohra li kull persuna ohra, apparti l-minuri jekk dan jagixxi *ai termini* tal-ligi.

Illi dan jinsab ikkonfermat fis-sentenza **"Mario Maugeri vs Direttur tar-Registru Pubbliku"** (P.A. RCP 13 ta' Jannar 1999) fejn inghad b'riferenza ghall-fatti f'dik il-kawza li *"Dwar l-**Artikolu 81** … … … jigi ndikat li tali artikolu ma huwiex ta' ostakolu ghall-azzjoni odjerna, peress li jidher*

*car mis-segwenti fatt fuq esposti, li l-istess minuri qatt ma kellu l-pussess ta' stat ta' iben legittimu li jaqbel mal-att tat-twelid peress li l-persuna indikata kienet ilha nieqsa … ... u ommu kienet tghix biss mal-attur".*

Illi minn dan johrog car li jekk iben jew bint ikollhom stat ta' wild legittimu, u jkollhom ukoll il-pussess tal-istess stat konformi mal-att ta' twelid, **hadd** ma jista' jattakka dan l-istat a bazi tal-**Artikolu 77** anke jekk tigi ippruvata l-impossibilita' fizika ndikata fl-istess artikolu. Illi dan gie ukoll konfermat fis-sentenzi **"Concetta Conti nomine vs Angelo Camilleri"** (Vol.XXXII.ii.309) u **"Jesmond Zammit vs Anthony Rapa et"** (P.A. RCP 18 ta' Jannar 2000) fejn inghad li:-

*"Illi dan ifisser illi skond il-provedimenti tal-**Artikolu 82 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta,** jekk ikun hemm nuqqas ta' att ta' twelid **jew** ta' pussess ta' stat (u dan skond kif definit fl-**Artikolu 80 tal-Kap 16**) inkella jekk it-tifel ikun gie registrat taht isem falz … … il-prova tal-filjazzjoni tista' issir b'xhieda ohra li tista' tingieb skond il-ligi.  Fi kliem iehor jekk il-pussess ta' stat ma jaqbilx mac-certifikat tat-twelid il-prova li tohrog mic-certifikat tar-Registru Pubbliku mhux insindakabbli".*

Illi dawn il-principji kollha gew kkonfermati fis-sentenzi "**Stephen Healey vs Clyde Farrugia Vella"** (P.A. RCP deciza fl-1 ta' Marzu 2001 – Cit. Nru: 1841/98/RCP); "**Carmel Grima et vs Carmelo Borg et**" deciza fil-5 ta'

Lulju 2001 - Cit Nru 190/97/RCP, u "**Francis sive Frank Xuereb vs Maria Bonello et"** (P.A. (RCP) 22 ta' Marzu 2002 - Cit Nru: 1778-01); u **"Francis sive Frank Xeureb vs Maria Bonello et"** (P.A. (RCP) 22 ta' Marzu 2002.

Illi applikati dawn il-principji ghall-kaz *de quo* jirrizulta mill-provi prodotti li l-attrici kellha relazzjoni extra-maritali mal-konvenut Anthony Camilleri sa mill-bidu tas-sena 1988, u ma kienitx lanqas torqod ma zewgha Victor Fenech ghalkemm jidher li kienu jghixu flimkien, u minn Gunju 1988 l-istess zewgha kien jahdem barra il-Libja ghall-perjodi ta' tlett xhur il-wiehed u meta kien jigi Malta ghall-gimghatejn hija sostniet li *"qatt ma kellna relazzjoni sesswali bejnietna u ghalhekk qatt ma seta' jkun li t-tifel huwa tar-ragel tieghi".*

Illi fil-fatt fl-affidavit taghha tad-9 ta' April 2002 l-istess attrici kompliet tghid hekk:-

*"Min-naha l-ohra nghid illi fl-istess perjodu ossia cirka sena qabel ma twieled it-tifel jiena kelli relazzjoni sesswali regolari mal-konvenut Anthony Camilleri peress li ahna konna qed nipprovaw biex ikollna tarbija flimkien. Il-frott ta' dawn ir-relazzjonijiet huwa it-tifel Ryan".*

*"Jiena certa li Ryan huwa wild naturali u bijologiku ta' Anthony Camilleri u mhux ta' Victor Fenech ghax kif diga' ghidt jiena qatt ma kelli relazzjoni sesswali ma Victor Fenech fil-perjodu in kwistjoni. Min-naha l-lohra kelli relazzjoni ma Anthony Camilleri".*

*"Nghid ukoll illi l-konvenut Victor Fenech jaf li Ryan mhux tieghu tant li hu lanqas qatt ma rah lit-tifel u ghadu ma jridx jarah sallum u qatt ma kkontribwixxa xejn ghalih peress li jaf li mhux missieru. Min-naha l-ohra il-konvenut Anthony Camilleri jaf li hu missieru u jiehu hsieb lit-tifel minn kull aspett".*

Illi Anthony Camilleri jghid hekk fl-affidavit tieghu pprezentat fis-16 ta' Novembru 2001 a fol. 27 tal-process:-

*"Jiena nikkonferma li nigi missier Ryan Fenech, li twieled fit-12 ta' Gunju, 1989 minn Mrs. Jacquline Fenech li ghandha n-numru ta' l-idenitita' 426065 (M) u ghalhekk nerfa' r-responsabilita' kollha tat-tifel tieghi Ryan Fenech u nitlob li bil-ligi jinbidel il-kunjom ta' Ryan Fenech u jsir minflok Ryan Camilleri".*

Illi dawn il-brani fuq citati, li *di piu`* ma humiex kontradetti fl-istess kawza, ineffetti huma ta' importanza vitali ghad-determinazzjoni ta' dan il-kaz, minn fejn jirrizulta li l-istess minuri dejjem gie ttattat bhala iben l-konvenut Anthony Camilleri, u fil-fatt jghix mal-istess konvenut u l-attrici, u mrabbi minnhom. Illi huwa inkontradett li l-konvenut Anthony Camilleri, l-missier, dejjem tratta lill-minuri bhala ibnu u pprovda dejjem ghall-manteniment u edukazzjoni tieghu, huwa maghruf dejjem bhala tali minn terzi, u mill-familja, u ghalhekk certament li l-pussess ta' stat ta' iben legittimu ma jinkorrix f'dan il-kaz, ghar-rigward tal-istess

minuri, u fil-fatt bla tlaqliq huwa iddikjara li dejjem refa' u qed jerfa' r-responsabilitajiet kollha tal-istess parentela. **("Doris Grech vs Joseph Bugeja et" –** P.A. (FGC) 27 ta'Novembru 1998).

Illi tali prova kontrarja ghal tali stat ta' legitimita' tista' tingieb *ai termini* tal-**Artikolu 83** b'xhieda *"li turi min jitlob l-istat mhux bin il-mara illi huwa jghid li hija ommu, inkella, meta hija ppruvata l-maternita', <u>illi mhux bin zewg ommu"</u>.*

Illi f'dan il-kaz, hemm ix-xhieda konsistenti tal-attrici ommu u tal-konevnut Anthony Camilleri, filwaqt li zewgha il-konvenut Victor Fenech jidher li dan bla ebda mod ma ikkontestah, izda iktar sinfikanti qatt ma kkonsidra lill-istess minuri bhala ibnu tant li lanqas biss rah, u issottometta ruhu anke ghall-ezamijiet medici sabiex il-paternita' tal-istess minuri tigi wkoll xjentifikament determinata bil-mezzi kollha disponibbli llum.

Illi fil-fatt l-attrici fix-xhieda taghha ppruvat konkludentement illi bejn il-konjugi Fenech fiz-zmien meta gie koncepit l-istess minuri qatt ma sar tentattiv sabiex ikollhom ulied, u li *di piu`* ma kellhomx x'jaqsmu iktar flimkien minn Gunju 1988, u allura l-istess iben qatt ma setgha kien tal-istess Victor Fenech, anke ghaliex it-tarbija twieldet fit-12 ta' Gunju 1989, filwaqt li min-naha l-ohra l-provi juru li l-istess Anthony Camilleri kellu relazzjoni konsistenti mal-istess attrici fil-bidu tas-sena 1988, tant li wara hija baqghet tghix

mieghu, meta anke sseparat *ex lege* minn zewgha fl-14 ta' Ottubru 1994.

Illi tul dan iz-zmien kollu l-konvenut Anthony Camilleri dejjem agixxa bhala l-missier tal-istess tarbija, u dejjem irrikonoxxa r-rwol ta' missier l-istess tarbija, kemm waqt it-tqala u kemm wara sallum. Mar biex jaghmel dan sahansitra fuq ic-certifikat tat-twelid, u ma kienx jiddependi minnu li dan ma giex registrat bhala tali. Minn meta l-attrici kissret ir-relazzjoni ma' zewgha. U mit-twelid tal-istess tarbija hija u l-konvenut Anthony Camilleri dejjem hadu hsieb l-istess tarbija, u s-sitwazzjoni ghadha hekk sallum.

Illi apparti dan hemm id-dikjarazzjoni tal-istess omm, li ghalkemm wahedha ma hijiex bizzejjed *ai termini* tal-**Artikolu 70 (2) tal-Kap 12,** xorta ghandha mportanza massima f'dawn il-materji, specjalment meta hija kkoroborata minn xhieda ohra, bhal ta' Anthony Camilleri, u dan ghandu jwassal ghall-konkluzjoni li l-prova permezz ta' xhieda tkun ukoll saret f'dan is-sens. **("George Grech vs Nazzareno Grech". P.A. (**N.A) 30 ta' April 1998 - Citaz. Numru. 2011/96 u **"Noelle Spiteri et vs Ernest Cilia et"** - P.A. (NA) tat-30 ta' Jannar 1998 - Citaz. Nru. 979/97/NA**;** u **"Mario Attard Flores vs Theresa Attard Flores et"** – P.A. (RCP) 2 ta' Dicembru 1998- Citaz. Numru. 2488/97/RCP**.)**

Illi dwar l-interpretazzjoni tal-**Artikolu 77** u dwar il-kuncett ta' *"impossibilita' fizika"* hemm indikata, wiehed jirreferi

ghas-sentenza **"Ronald Bray vs Charmaine Bray et"** (P.A. (N.A) 19 ta' Novembru 1997) fejn inghad li *"l-impossibilita' fizika li ghaliha hemm riferenza ghandha tkun wahda li setghet taffetwa b'xi mod il-koncepiment tat-tarbija".* (**"Noelle Spiteri vs Ernest Cilia"; "Ivan Felice vs Goerge Valletta"** P.A. (RCP) 17 ta' Frar 2000.).

Illi dawn il-principji gew lkoll applikati fil-kawzi fl-ismijiet **"Malika Cachia Ejjebili et nomine vs Ahmed Kamel El Din et"** (P.A. (RCP) 26 ta' Jannar 2000 - Citaz. Nru. 1450/98/RCP-**)** u **"Jesmond Zammit vs Anthony Rapa et"** (P.A. (RCP) 18 ta' Jannar 2000 - Citaz. Numru 1839/97/RCP) fejn inghad illi:-

*"Illi f'dan l-isfond wiehed jirreferi wkoll ghas-sentenza fl-ismijiet **"Pierre Travers Tauss vs Direttur tar-Registru Pubbliku" (F.G.C. 10 ta' Mejju 1996)** fejn inghad illi l-attur "ghandu nteress li jattakka l-legitimita' tat-tifla minuri" u dan jekk jipprova dak li hemm indikat fl-**Artikolu 77 tal-Kap 16.** Illi l-principju "pater is est quem justae nuptiae demonstrat" huwa rikonnoxut mill-ligi taghna permezz tal-**Artikolu 67** li jghid illi "l-iben imnissel matul iz-zwieg jitqies li hu bin zewg ommu" pero` "madankollu wiehed ma jistax ma jikkonsidrax li, aktar ma jghaddi z-zmien, aktar qeghda taqbad l-eghruq il-fehma li r-realtajiet bijologici u socjali jipprevalu fuq il-presunzjoni legali li 'pater est quem justae nuptiae demonstrant". Illi dan gie rikonnoxxut anke bis-sentenza mill-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem fis-27 ta' Ottubru 1994 fil-kawza fl-ismijiet **"Kroon vs The***

***Netherlands"*** *fejn gie rikonoxxut legalment l-esistenza ta' "family ties" anke bejn persuni li ma humiex mizzewgin, u ghalhekk il-frott tal-istess, ghandu jigi rikonoxxut bhala tali, ghaliex jirrispekja il-verita' attwali f'din il-kawza. Certament li dan kollhu ma jsib l-ebda ostakolu bl-**Artikolu 81".***

Illi ma dan kollu jrid jizdied ukoll it-testijiet xjentifiki li saru fil-kaz in kwistjoni fejn saru analizi tad-*DNA profiling* fuq kampjuni ta' *saliva* mehuda minn fuq l-attrici, l-konvenuti Victor Fenech u Anthony Camilleri u tal-istess minuri Ryan minn liema rizultatati gie dikjarat fir-rapport peritali tal-espert xjentifiku nominat mill-Qorti Cristopher C. Farrugia li:-

*"(a) F'seba' mill-ghaxar testijiet maghmula r-rizultati ta' DNA jeskludu lil Victor Fenech bhala l-missier bijologiku ta' Ryan Fenech. Huwa normali li jkun hemm xi tqabbiel zghir bejn persuni mhux relattati.*

*"(b) il-frammenti kollha tad-DNA prezenti f'Ryan Fenech ma jeskudux li Anthony Camilleri huwa l-missier bijologiku. Fil-profil ta' Anthony Camilleri jinsabu dawn il-frammenti paternali kollha".*

*"Illi wara li saru l-analizi pertinenti tad-DNA, irrizulta li l-missier bijologiku ta' Ryan Fenech huwa Anthony Camilleri. Ir-rizultati juru li Anthony Camilleri huwa mija, seba u tlettin elf, hames mija u sebgha u tmenin (137,587) darba aktar probabbli li huwa l-missier bijologiku milli kieku ma jigux*

*minn xulxin. Din il-probabilita' hija ta' mill-inqas 99.99%. L-analazi jeskludu lil Victor Fenech mill-paternita`. Huwa ma jistax ikun il-missier ta' Ryan Fenech".*

Illi minn dan kollu jirrizulta mhux biss li l-istess minuri ma huwiex iben il-konvenut Victor Fenech, izda li l-istess minuri huwa abbazi tal-provi u testijiet medici prodotti iben il-konvenut Anthony Camilleri u l-attrici Jacqueline Fenech, u ghalhekk ghandhom isiru l-korrezzjonijiet kollha necessarji sabiex fic-certifikat tat-twelid tal-istess minuri missier l-istess minuri jigi indikat bhala dak ta' Anthony Camilleri li ghandu l-Karta tal-Identita' Numru 650141 (M) li twieled fl-10 ta' Settembru 1960 u tigi eliminata kull riferenza ghal Victor Fenech bhala l-missier tal-istess minuri, u ghalhekk it-talbiet attrici ghandhom jigu milqugha f'dan is-sens.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi fuq ammissjoni tal-konvenut Anthony Camilleri u filwaqt li tinnota li l-konvenut l-iehor Victor Fenech irrimetta ruhu ghad-decizjoni ta' din il-Qorti, u filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut id-Direttur tar-Registru Pubbliku 'nkwantu l-istess jikkontrastaw mal-azzjoni attrici, **tilqa' t-talbiet attrici** b'dan illi:-

(1) Tiddikjara li t-tifel Ryan Camilleri huwa l-wild naturali u biologiku tal-konvenut Anthony Camilleri u mhux tal-konvenut l-iehor Victor Fenech;

(2) Tordna lill-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex fic-certifikat tat-twelid ta' Ryan Camilleri bin-numru progressiv 2618 ta' l-1989, kull referenza li hemm ghal Victor Fenech li tindikah bhala l-missier tal-istess minuri u senjatament ghal ismu, sengha u professjoni u isem u kunjom il-missier u jekk hux haj jew mejjet tigi kkancellata u soppressa u minflok jigu sostitwiti b'isem Anthony Camilleri li twieled fl-10 ta' Settembru 1960, Karta tal-Identita' Numru 650141 (M), bin il-mejtin Philip u Carmela nee' Gatt, kif jidher fl-okkju tal-kawza u d-dettalji l-ohra necessarji skond il-formula tal-imsemmi certifikat, u tordna li ssir kull korrezzjoni ohra necessarja sabiex missier il-minuri jigi indikat bhala "Anthony Camilleri" bil-konnotati kollha tieghu minflok dak erronju ta' "Victor Fenech" u l-konnotati tieghu.

Illi l-Qorti tordna ukoll li *ai termini* tal-**Artikolu 256 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta** li kull korrezzjoni hawn ordnata ghanda ssir mid-Direttur tar-Registru Pubbliku fi zmien ghaxart (10) ijiem minn dak in-nhar li s-sentenza tghaddi f'gudikat u ghandha ssir bis-sahha ta' kopja vera tas-sentenza li tinghata lilu mir-Registratur tal-Qrati Superjuri, bil-mod preskritt fl-istess disposizzjonijiet tal-**Kap 16.**

Illi dwar il-kap tal-ispejjez dawn ghandhom jigu ssoportati kollha mill-istess attrici u l-konvenut Anthony Camilleri,

*stante* li ma jirrizultax mill-provi li tali zball kien imputabbli ghal xi raguni lill-konvenuti l-ohra.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Raymond C. Pace LL.D.**
**30 t'April 2002.**

**Josette Demicoli.**
**Deputat Registratur.**
**30 t'April 2002**